Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- SEBA' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL- Laqgħa Urġenti**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012

**Ħin:** Mis-4pm sas-4.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li kienet ippreżentata mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex tissejjaħ laqgħa urġenti biex tiġi diskussa l-możżjoni li taqra:

"Fid-dawl tal-fatt li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan se tinżamm wara li jkunu għaddew ħames ġimgħat mill-aħħar laqgħa, il-Kunsill għandu jiddeċiedi li, fl-aħjar interessi tar-residenti tal-lokal, laqgħat tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ma jdumux ma jsiru aktar minn tliet ġimgħat bejn laqgħa u oħra. Filwaqt li l-liġi tippermetti li l-massimu ta' żmien li jista' jdum ma jiltaqa' Kunsill Lokali huwa ta' ħames ġimgħat, żgur li Kunsill Lokali serju li juri li jrid jaħdem għall-ġid tar-residenti tal-lokal ma jieħux bħala kejl ta' ħidma tiegħu l-massimu li jista' jdum ma jiltaqa' iżda, bil-maqlub, jistinka biex jiltaqa' kemm jista' jkun malajr. Veru li ninsabu fis-sajf iżda l-problemi u s-sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu l-intervent tal-Kunsill Lokali ma jieħdux vaganza fis-sajf u, għalhekk, ħafna drabi, ikun hemm bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet mill-membri <u>kollha</u> tal-Kunsill Lokali.

Li ma jiltaqax il-Kunsill Lokali jfisser li ħafna deċiżjonijiet ikollhom jittieħdu fuq responsabbilta` tas-Sindku, speċjalment meta tkun trid tittieħed deċiżjoni li tkun marbuta biż-żmien. Dan mhux mod ta' kif idealment għandu jitmexxa Kunsill Lokali u jmur kontra l-prinċipji tad-demokrazija u l-għanijiet tal-Gvern Lokali. Barra minn hekk, fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan huma rappreżentati żewġ partiti politiċi u, għalhekk, meta jittieħdu deċiżjonijiet importanti mingħajr ma jkunu konsultati l-membri kollha tal-Kunsill, dan ifisser li l-leħen tal-minoranza politika fil-Kunsill Lokali ma jkunx qiegħed jinstema'. Fi kliem ieħor, il-maġġoranza tkun qed timponi fuq il-minoranza mingħajr diskussjoni demokratika.

Li l-Kunsill Lokali jiltaqa' wara waqfa ta' ħames ġimgħat huwa negattiv ħafna f'għajnejn ir-residenti tal-lokal, b'detriment għall-"*image*" tal-Kunsill Lokali. Fid-dawl ta' dan kollu, nipproponi għall-vot tal-membri tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan li l-Kunsill Lokali ma jdumx aktar minn tliet ġimgħat biex jiltaqa' bejn laqgħa u oħra."

Il-Sindku talab il-kummenti tas-Sur Desmond Zammit Marmara fuq din il-mozzjoni fejn huwa elabora fuq il-kontenut li jinsab fl-ittra mibgħuta lis-Segretarju Eżekuttiv.

Hawnhekk is-Sindku għadda xi kummenti fuq din il-mozzjoni fejn huwa xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha fejn mill-bidu ta’ din il-leġislatura mill-1 ta’ April 2012, il-Kunsill iltaqa’ sitt darbiet jiġifieri medja ta’ ġimgħatejn u nofs kull darba. Dan juri biċ-ċar li kull meta kien hemm bżonn il-ħtieġa l-Kunsill iltaqa’ u għalhekk żgur li mhux ser isib problema li niltaqgħu kull tlett ġimgħat jew jekk hemm bżonn anke qabel.

L-idea li niltaqgħu wara ħames gimgħat mill-aħħar laqgħa kienet għas-sempliċi raġuni li f’Ħal Balzan matul ix-xahar ta’ Lulju jkunu spiċċaw l-iskejjel, ħafna mir-residenti jmorru villeġġjatura kif ukoll id-Dipartimenti tal-Gvern u xi entitajiet governattivi jkunu bin-nofs ta’ nhari.

Fuq kumment ieħor huwa xtaq jenfasizza li kemm ilu Sindku, kif ukoll oħrajn li kien hemm qablu qatt ma mexa fuq livell ta’ politika partiġġjana. Kunsill Lokali l-ewwel u qabel kollox huwa tar-residenti kollha u dejjem irrispetta l-opinjoni ta’ kullħadd. Huwa dejjem mexxa fuq livell ta’ *consensus* u mhux politika.

Huwa qed jaċċetta l-fatt li s-Sur Zammit Marmara qed iħossu f’minoranza pero’ ma għandniex inħarsu lejn minoranza jew maġġoranza imma nħarsu lejn x’hemm bżonn isir għal ġid ta’ Ħal Balzan.

Hawnhekk kien hawn intervent tas-Sur Guido Borg fejn qal li f’każijiet ta’ bżonn il-Kunsill dejjem iltaqa’ u ma qgħadx iħares lejn kemm suppost jiltaqa’ jew ma jiltaqax.

Is-Sindku rrefera imbagħad għal attivita’ li ttellgħet fil-pjazza nhar l-4 ta’ Lulju 2012 organizzata mill-Knisja Parrokkjali fejn d-deċizjoni li kien ħa l-Kunsill li din l-attivita’ ssir fi Triq Annunzjata u mhux fil-Pjazza u li imbagħad wara kien aċċetta, fuq deċizjoni tiegħu personali li ssir fil-pjazza kien kollu frott ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni u konsultazzjoni minn naħa tal-organizzaturi u li kieku l-Kunsill, kien ikun f’posizzjoni aħjar li jieħu ċertu deċizjonijiet qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk hux ser jittieħed vot fuq din il-mozzjoni. Is-Sindku qal li jekk is-Sur Zammit Marmara jrid vot, ma jsibx problema għal dan pero’ per prinċipju l-Kunsill kollu qed jaqbel li għandu jiltaqa’ kull tlett ġimgħat sakemm ma jkunx hemm il-bżonn li jiltaqa’ qabel.

Għalhekk vot ma ttieħidx għax kien hemm *consensus* bejn il-Kunsilliera kollha.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data